MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru. 40/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Bartolo ta' 23 sena, iben John u Anna nee' Grima, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-23 ta' Settembru, 1986, residenti fil-fond JVJ Buildings, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, dententur tal-karta tal-identita' bin-numru 38686(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Bartolo li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta' Ottubru, 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u/jew kellu fil-pussess

tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-19 ta' Frar 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu u l-fatt illi kkollabora mal-Pulizija;

Il-Qorti ser tqis ukoll il-fatt illi s-sustanza suspettata Cannabis illi nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx tappartjeni lilu izda thalliet fil-vettura tieghu minn terza persuna li kontriha ser jigu ntavolati proceduri kriminali;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-

imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------